**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 429/17 AL

**A B**

**vs**

**Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u il-PL Veronica Rossignaud li gew nominate bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D b'digriet tal-1 ta' Lulju 2014 u digriet tal-15 ta' Frar 2017 rispettivament**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-esponenti żżewġet lill-intimat fil-26 ta' Ġunju 2006. Illi hija sseparat legalment minn ma' l-intimat permezz ta' sentenza datat 9 ta` Mejju, 2017 fl-ismijiet **A D (KI 108778M) vs Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Joanna Borg Costanzi b'digriet tal-1 ta1**

**Lulju 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D u b'digriet tal-15 ta` Frar, 2017 il-PL Veronica Rossignaud giet nominata bhala kuratur deputat minflok il-PL Joanna Borg Costanzi li mietet fil-mori ta` dawn il-proceduri** liema rikors ġuramentat iġib in-numru 95/14 AL;

Illi miż-żwieġ il-partijiet konjugi kellhom tifel wieħed Alexander li llum għandu għaxar snin;

Illi l-konjugi ilhom isseparati iktar minn erbgha [4] snin hekk kif rikjesti mill-ligi;

Illi għall-fini ta` dawn il-proċeduri l-esponenti tiddikajra li hija m`għandiex pretensjoni fil-konfront ta` żewġha għall-manteniment dovut lilha skont is-sentenza ta` separazzjoni personali ta` bejniethom;

Illi l-partijiet ma' hemmx lok li jerġgħu jirrikonċiljaw;

Talbet, in vista tas-suespost l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-intimat assenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Mejju 2017 u de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.